# X'KITBU FUQNA

**'The Iconography of the Maltese Islands,** 1400 - 1900' (Editrice Velar, April 1988) - studju serju ta' Mario Buhagiar. Flimkien ma kummenti siewja insibu fih ritratti bil-kulur tat-titular u l-lunetta ta' Stefano Erardi, kif ukoll it-titular il-qadim tal-injam u l-kwadru tas-Sagra Familja ta' Francesco Zahra. Mill-kwadri li hemm fil-mużew tal-Kolleġjata jipproduċi 4 li huma, il-Gran Mastru Wignacourt u l-Maddalena ta' Cassarino, l-Inkurunazzjoni tal-Madona ta' Stefan Erardi u t-titular li kien hemm f'tal-Virtu, il-Madonna bil-Bambin xogħol ta' V. Barata.

**'The International Dictionery of Artist who painted Malta'** ta' Nicholas De Piro, maħruġ minn Said International Ltd. Fih insibu wkollin-Nawfraġju ta' San Pawl, it-titular ta' Erardi minħabba l-fatt li hemm fl-isfond impinġi San Pawl il-Baħar. Hemm erba' ritratti mill-mużew tal-Kolleġjata, żewġ akwarelli tan-Nutar F. Catania, ritratt ta' Gusmana Navarra biz-zuntier warajha, parti mill-buzzett ta' Coccoli bis-Saqajja u kwadru exvoto attribwit lill-pittur Rocco Buhagiar.

**'All Malta, Ganz Malta, Tutta Malta'** hu gwida popolari għat-turisti miktub bi tlett lingwi. F'paġna 72 insibu dettal sabiħ taz-zuntier kif ukoll ritratt tal-Grotta.

**'Mdina - Rabat - Mosta'** maħruġ bl-Ingliż, Taljan, Franċiż u Germaniż, hu ktieb ieħor popolari għat-turisti b'ritratti ta' Bruno Polineri u maħruġ minn Plumigraf. It-test hu miktub mill-Kan. Dun Gwann Azzopardi, membru tal-Bord Editorjali ta' dan il-ktejjeb, b'parti fuq il-katakombi ta' Sant' Agata miktub minn Fr. Victor Camilleri MSSP. Dettal sabiħ taz-zuntier jinsab f'paġna 43 waqt li fil-faċċata ta' wara hemm il-faċċata tal-Kolleġjata, it-titular tal-Kulleġġ, l-Orgni ta' San Pawl u l-istatwa ta' San Pawl li hemm fil-Grotta. Mill-mużew hemm ħames illustrazzjonijiet, il-kuritur ta' fuq fl-isfond tal-kappella, San Pawl ta' Francesco Zahra, San Ġilormu ta' Skola Boernay, il-Gran Mastru Ximenes, skola ta' Favray u l-portantina tal-vjatku mogħtija mill-Isqof Pellerano.

**'A History of Maltese Architecture'** - stampat mill-Veritas Press, hu ktieb tal-perit Leonard Mahoney li jiġbor fih riċerka fuq l-arkittetura tal-gżejjer tagħna. Billi l-knisja ta' San Pawl hi waħda mill-ewwel knejjes barokki, ma jistax jonqos li ġiet mogħtija mportanza. L-awtur għarbel tajjeb l-artikli storiċi li nkitbu f'Il-Festi Tagħna' 1980-1985 u ġibed konklużżjonijiet minnhawn.

**'Il-Mument'** 19 ta' Frar 1989 - deher artiklu miktub minn Biagio Galea ntitolat 'Għaliex...?' li kien jitratta ir-raġuni għaliex il-Kolleġjata tagħna tissejah l-ewwel parroċċa ta' gżiritna u kif għal mijiet ta' snin kienet il-knisja waħdanija ta' Malta.

